**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Kumpilazzjoni Nru. 419/2015**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Rennie Stivala)**

**-VS-**

**JOSEPH FARRUGIA**
**(ID: 186467M)**

**Illum, 19 ta' Jannar 2023**

**Il-Qorti,**

Rat illi l-imputat **JOSEPH FARRUGIA** ta' 48 sena, bin il-mejjet Saviour u Josephine nee' Sciortino, imwieled Sliema, fit-28 ta' Frar 1967 u joqgħod f llwien, Triq Wied Anglu, Birguma, Naxxar, detentur tal-karta tal-identita numru 186467 (M) akkużat illi fil-11 ta' Ottubru 2005 u fil-ġranet ta' wara, f'dawn il-Gżejjer:

1. Approprja ruħu, billi dawwar bi profitt għalih jew għal persuna oħra, minn ħaġa ta' ħaddieħor li kienet ġiet fdata jew ikkunsinjata lilu taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat, u li kienet ġiet fdata lilu minħabba professjoni, industrija, kummerċ, amministrazzjoni

kariga jew servizz, jew minħabba depositu neċessarju, u ċioe' depożitu fuq konvenji u kuntratti ta' appalt, għad-dannu ta' John Whibley b'valur li jeċċedi l- ħamest elef euro (€ 5,000);

2. B'mezzi kontra l-liġi jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel jitwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila jew setgħa fuq ħaddieħor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex jqanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, għamel qligħ b'qerq ta' aktar minn ħamest elef euro (€5,000) għad-dannu ta' John Whibley;

3. Bi ħsara ta' ħaddieħor, għamel xi qligħ ieħor b'qerq ta' aktar minn ħamest elef euro (€5,000);

4. U aktar talli rrenda ruħhu reċidiv b'diversi sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati Malta, sentenzi li saru definitivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Rat in-nota tal-Avukat Generali tal-15 ta' Lulju 2019 fejn, għall-finijiet tal-Artikolu 370(3)(a) tal-Kodici Kriminali, indika l-artikoli tal-liġi li abbażi taghhom, hemm maħsub li tista' tinstab ħtija, u cioe`:

- Fl-artikoli **293, 294 u 310 (1)(a)** tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli **308, 309 u 310(1)(a)** tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-artikolu **17, 18, 31, 49, 50, 532A u 533** tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Semgħet lill-imputat waqt l-udjenza tat-22 ta' Ottubru 2020 jiddikjara li m'għandux oġġezzjoni li dawn il-proċeduri jiġu trattati u deċiżi bil-proċedura sommarja minn din il-Qorti bħala Qorti tal-Ġudikatura Kriminali;

Semghet ix-xhieda u rat il-provi u d-dokumenti kollha;

Rat l-atti kollha;

Semgħet it-trattazzjoni orali tal-Prosekuzzjoni u d-difiża waqt is-seduta tat-3 ta' Novembru 2022;

Rat illi l-kawża ġiet imħollija għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Id-difiża sollevat in linea preliminari n-nullita' tal-proċeduri. Dan għaliex meta l-Avukat Ġenerali irrinvija l-atti lill-Qorti diversament preseduta bin-nota tiegħu tad-19 ta' April 2018 u talab a tenur tal-Artikolu 432(2) tal-Kap. 9 illi l-kompilazzjoni terġa' tibda mill-ġdid, għaliex l-atti kienu difettużi, il-Qorti baqgħet ma tatx deċiżjoni għall-fini tal-Artikolu 401(2) tal-Kap. 9. Dan in-nuqqas proċedurali, skont id-difiża, għandu jwassal għan-nullita' tal-proċeduri odjerni.

Il-Qorti bla tlaqliq tgħid li ma tistax taqbel ma' din is-sottomissjoni. Filwaqt illi huwa minnu u d-difiża għandha raġun tgħid illi meta l-atti ntbagħtu lura mill-Avukat Ġenerali b'talba taħt l-Artikolu 435(2) tal-Kap. 9, il-kompilazzjoni kellha terġa' tibda mill-ġdid u għalhekk kien jeħtieġ ukoll l-għoti ta' deċiżjoni fejn l-imputat jitqiegħed taħt att ta' akkuża jew inkella jiġi ordnat il-liberazzjoni tiegħu, in-nuqqas ta' din id-deċiżjoni ma jistax jolqot is-siwi tal-proċeduri. Dan qed jingħad għaliex il-liġi ma tipprovdi bl-ebda mod li n-nuqqas ta' din id-deċiżjoni jsarraf fin-nullita' tal-proċeduri: il-Qorti tqis biex l-effett ta' nuqqas proċedurali ikun dak tan-nullita' *ex lege*, dan għandu jiġi komminat espressament mil-liġi. Kif inhu risaput, ir-regoli tal-proċedura, bħala regoli ta' ordni pubbliku, huma ta' applikazzjoni stretta u t-tifsira u l-iskop tagħhom ma għandhomx jitwessgħu biex isibu riskontru wkoll f'sitwazzjonijiet ġuridiċi mhux maħsubin espressament mil-liġi.

Hekk per eżempju, filwaqt li hu minnu li l-Artikolu 597(4) tal-Kap. 9 jipprovdi espressament li difetti fl-atti tal-kompilazzjoni jġibu n-nullita' tal-att tal-akkuża f'dawk l-istanzi msemmijin speċifikatament fl-istess subartikolu (4), fosthom in-nuqqas tad-deċiżjoni li tiddikjara li l-imputat għandu jitqiegħed taħt att ta' akkuża[1], **in-nullita' komminata mil-liġi hija tal-att tal-akkuża u mhux tal-atti kompilatorji quddiem il-Qorti Istruttorja**. Kemm hu hekk, din id-dispożizzjoni legali ma tagħmel ebda referenza għall-proċeduri li jitmexxew quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali (bħalma hija din il-Qorti).

Kif rajna, l-Artikolu 597(4) tal-Kap. 9 jipprovdi espressament li s-siwi tal-att tal-akkuża jista' jiġi attakkat minħabba, *inter alia*, in-nuqqas għal kollox tad-deċiżjoni li permezz tagħha l-imputat jitqiegħed taħt att ta' akkuża. Għalkemm wieħed jista' jargomenta illi f'dan il-każ, id-difett lamentat huwa tassew in-nuqqas tad-deċiżjoni li tiddikjara li l-imputat għandu jitqiegħed taħt att ta' akkuża, huwa evidenti li **dawn id-dispożizzjonijiet ma jgħoddux għal proċeduri sommarji quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali u jistgħu jiġu invokati biss quddiem il-Qorti Kriminali**. Huwa minnu illi n-nota tar-rinviju għall-ġudizzju huwa komparabbli mal-att tal-akkuża iżda bl-ebda tiġbid tal-immaġinazzjoni tista' din id-dispożizzjoni legali ssib riskontru fin-nuqqas ta' dispożizzjoni espressa, għan-nota tar-rinviju għall-ġudizzju: kif rajna, ir-regoli proċedurali għandhom jiġu applikati *ad litteram* u mhumiex suxxettibbli għal tifsira wiesa' jew *ad equipollens*. Fi kwalsiasi każ, il-Qorti tosserva illi hawnhekk mhux ravviżabbli n-nuqqas **għal kollox** tad-deċiżjoni li tiddikjara li l-imputat għandu jitqiegħed taħt att ta' akkuża għaliex din id-deċiżjoni effettivament ingħatat matul il-kompilazzjoni fis-seduta tas-17 ta' Novembru 2015[2].

---

[1] Fil-fatt, huwa ben assodat fil-ġurisprudenza in materja li ebda difett mhux imsemmi espressament fid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 597(4) tal-Kap. 9 ma jista' jinċidi fuq is-siwi tal-att tal-akkuża.

[2] Hawnhekk issir referenza għal dak li ġie ritenut mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sup.) fis-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Noel Zarb** fejn qalet hekk:- *"Ma jistax jinghad illi fil-każ odjern hemm "in-nuqqas ghal kollox … tad-deċiżjoni li tiddikjara li l-imputat għandu jitqiegħed taħt att ta' akkuża, peress illi din id-deċiżjoni kienet diga` ttieħdet fis-seduta ta' l-24 ta' Lulju 2006."*

Jiġi osservat ukoll illi mkien fid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 401 tal-Kap. 9 jew fid-dispożizzjonijiet sussegwenti, hu prospettat l-effett tan-nullita' tal-proċess f'każ ta' nuqqas ta' adeżjoni ma' wieħed mir-riti proċedurali tal-kompilazzjoni. Għall-kuntrarju, minn eżami tad-dispożizzjonijiet tal-Artikou 432(2) tal-Kap. 9 il-Qorti fehmet li d-deċiżjoni li l-atti għandhom jitqiesu bħala difettużi b'mod li jkun jeħtieġ il-bidu mill-ġdid tal-kompilazzjoni f'każ ta' xi difett proċedurali, hija l-prerogattiva tal-Avukat Ġenerali u mhux ta' din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali: fil-fatt, is-setgħa li tiġi invokata l-proċedura għall-bidu mill-ġdid tal-kompilazzjoni bil-qari tal-akkużi u l-eżami tal-persuna akkużata mill-ġdid, hija waħda li tispetta biss u unikament lill-Avukat Ġenerali.

L-Artikolu 432(2) tal-Kap. 9 jaqra hekk:-

*Meta l-atti tal-kompilazzjoni jkunu difettużi billi ma jkunux tħarsu xi dispożizzjonijiet ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull liġi oħra dwar dawn l-atti, l-Avukat Ġenerali* ***jista'*** *jibgħat l-atti lura lill-qorti li minn għandha jkun irċevihom, flimkien ma' talba bil-miktub biex il-qorti terġa' tibda mill-ġdid il-kompilazzjoni jewbiex l-atti jiġu ikkorreġuti, skont iċ-ċirkostanzi, billi jsemmi d-difett u d-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kodiċi jew ta' dik il-liġi oħra li jkunu jgħoddu għall-każ.* (emfasi tal-Qorti)

Minn dan hu manifest li l-konsegwenza tan-nuqqas ta' tħaris ta' xi dispożizzjoni tal-liġi dwar l-atti tal-kompilazzjoni li jintbagħtu lill-Avukat Ġenerali mill-Qorti Istruttorja, m'hijiex in-nullita', għaliex din mhi msemmija mkien fid-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 389 sa 409A tal-Kap. 9. Nuqqas bħal dan jista' biss jiskatta l-prerogattiva tal-Avukat Ġenerali li jimxi taħt l-Artikolu 432(2) tal-Kap. 9. Il-Qorti temfasizza li din hija prerogattiva għaliex hu evidenti li s-setgħa li jinvoka d-dispożizzjonijiet tal-imsemmi subartikolu (2) hija waħda diskrezzjonali, li jfisser illi anke fl-eventwalita' li jkun oġġettivament riskontrabbli xi nuqqas proċedurali fil-kompilazzjoni fost dawk

imsemmija fid-dispozizzjonjiet tas-Sub Titolu II[3] (Fuq il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja), fin-nuqqas tal-Avukat Ġenerali li jinvoka l-proċedura taħt is-subartikolu (2) tal-Artikolu 432 tal-Kap. 9, is-siwi tal-proċess jibqa' mhux mittiefes. *Multo magis* meta n-nuqqas proċedurali jiġi riskontrat, bħal f'dan il-każ, **wara** l-egħluq tal-kompilazzjoni kif maħsub fl-Artikolu 401(2) tal-Kap. 9 fejn il-funzjoni tal-Qorti Istruttorja mhijiex iktar regolata mill-Artikolu 397 tal-Kap. 9 iżda hija ristretta limitatament għat-twettiq tat-talbiet magħmula mill-Avukat Ġenerali skont kif maħsub fl-Artikolu 405 tal-Kap. 9. Kemm hu hekk, wara l-egħluq tal-kompilazzjoni fejn ma tiġix ordnata l-liberazzjoni tal-imputat skont kif maħsub fl-Artikolu 401(2) tal-Kap. 9, il-Qorti Istruttorja ma jibqagħlha ebda setgħa tagħti direttivi, ordnijiet jew deċiżjonijiet (għajr għal dawk taħt l-Artikolu 409 tal-Kap. 9) li mhux dawk mitluba espressament mill-Avukat Ġenerali taħt l-Artikolu 405 tal-Kap. 9, fosthom għalhekk xi deċiżjoni li l-atti huma difettużi u li l-kompilazzjoni kellha terġa' tibda mill-ġdid[4].

Għalhekk, peress li f'dan il-każ jirriżulta li l-Avukat Ġenerali mhux biss ma dehrlux li l-atti kienu difettużi u ma invokax l-Artikolu 432(2) tal-Kap. 9, iżda għadda wkoll biex ta l-kunsens tiegħu kif maħsub fl-Artikolu 370(3)(a) tal-Kap. 9 biex il-każ jiġi trattat bil-proċedura sommarja, il-korollarju jista' jkun biss li l-proċess jibqa' bla mittiefes u din il-Qorti ma tistax tiddikjara xi l-proċess hu kolpit b'xi nullita'.

Kif gie ritenut mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri –Kolleggjali) fl-appell **Ir-Repubbklika ta' Malta vs. Ann-Elizabeth sive Anabel Ebejer**:

"*L-ebda irregolarita` u l-ebda difett fl-atti tal-kumpilazzjoni ma jista' jkollhom bhala konsegwenza taghhom ir-rinviju ta' l-atti mill-Qorti Kriminali lill-Qorti Istruttorja biex tigi regolarizzata l-pozizzjoni, isir dak li kellu jsir u ma sarx, jew sanat id-difett. Irregolarita` jew difett fl-atti tal-kumpilazzjoni jistghu iwasslu biss ghall-eskluzzjoni tal-prova li ma tkunx tirrizulta konformi mall-precett tal-ligi, jew inkella ghan-nullita`*

[3] Titolu II tat-Tieni Ktieb (Taqsima I) tal-Kodiċi Kriminali : Artikoli 389 sa 409A.

[4] Ara sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tat-23 ta' Novembru 2004 : **Av. Joseph Brincat noe v. L-Avukat Ġenerali**.

*ta' l-att tal-akkuza, wara debita eccezzjoni bil-forma w fl-istadju opportun fil-kazijiet previsti mill-ligi.*"[5]

Mingħajr qies tal-konsiderazzjonijiet appena magħmula, anke jekk għal mument il-proċeduri għandhom jitqiesu li kienu kolpiti b'difett fatali minħabba n-nuqqas tad-deċiżjoni li l-imputat għandu jitqiegħed taħt att ta' akkuża, il-Qorti tqis illi f'kull każ, dan id-difett ġie sanat bis-sħiħ bin-nuqqas ta' oġġezzjoni tal-imputat innifsu li l-każ jiġi trattat bil-proċedura sommarja minn din il-Qorti kif issa konvertita f'Qorti ta' Ġudikatura Kriminali.

In propositu, ikun opportun li ssir referenza għal dak li ngħad fis-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Kevin Martin Lorence Silvio Angelo Attard** fejn ġiet sollevata eċċezzjoni ta' nullita' tal-att tal-akkuża għaliex filwaqt li l-ewwel u t-tielet interrogatorji tal-imputat kienu debitament iffirmati mill-Maġistrat tal-kumpilazzjoni, it-tieni eżami tal-imputat ma kienx ġie hekk iffirmat. Il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sup.) riteniet illi f'każ bħal dan, ma jistax jingħad li hemm in-nuqqas **għal kollox** tal-interrogatorju u f'kull każ, l-akkużat kien ta ruhu b'notifikat bl-akkuża kif korretta u l-Avukat difensur eżenta lill-Qorti milli tisma' l-provi mill-gdid:-

*"Galadarba f'dan il-kaz l-akkuzat stess, allura imputat, u dejjem debitament assistit legalment, ghal darba darbtejn iddikjara li l-atti kienu sanati, huwa ma jistax issa jipprova jimpunja dawk l-istess atti li huwa jkun pozittivament iddikjara li kienu gew hekk sanati. Il-procedura hija intiza biex tghin u tippromuovi l-amministrazzjoni tal-gustizzja, mhux biex wiehed jinqeda biha biex jipprova jaghti l-gambetti; u fejn il-ligi ma tikkomminax in-nullita` espressament, il-Qorti ghandha tkun kawta hafna qabel ma tiddikjara xi att jew xi procedura nulla. Fi kwalunkwe kaz din il-Qorti hi tal-fehma li s-sentenza appellata hi ineccepibbli, u, kif inghad, l-appell huwa wiehed fieragh."*[6]

---

[5] Deċiża 28 ta' frar 1085.
[6] Deċiża 20 ta' Novembru 2008. Ara wkoll **Ir-Repubblika ta' Malta v. *Omissis*,** deċiża mill-Qorti Kriminali fl-1 ta' Lulju 2021.

Għaldaqstant, il-preġudizzjali tan-nullita' tal-proċeduri hija infondata u qiegħda tiġi respinta.

Ikkunsidrat;

Illi d-difiża eċċepiet ukoll l-estinzjoni tal-azzjoni minħabba l-preskrizzjoni. Tibbaża din l-eċċezzjoni fuq il-bidu mill-ġdid tal-kompilazzjoni b'effett tat-talba li saret mill-Avukat Ġenerali fin-nota tar-rinviju tad-19 ta' April 2018 mibgħuta għall-finijiet tal-Artikolu 432(2) tal-Kap. 9. Ġie sottomess mid-difiża li għalkemm meta ġie notifikat bl-azzjoni kriminali fis-17 ta' Novembru 2015, iż-żmien għall-preskrizzjoni[7] ma kienx għadu għalaq, dan iż-żmien kien laħaq skada irrimedjabbilment meta l-kompilazzjoni reġgħet bdiet mill-ġdid fis-seduta tal-24 ta' April 2018 u nqaraw mill-ġdid l-akkużi u reġa' sar l-eżami tal-imputat.

Dan l-argoment hu evidentement imsejjes fuq il-presuppost li l-imputat ġie notifikat b'azzjoni kriminali ġdida meta l-kompilazzjoni reġgħet bdiet mill-ġdid. Iżda dan mhux korrett. L-imputat kien ġie notifikat għall-ewwel darba bl-azzjoni kriminali dwar ir-reati addebitati lilu fiċ-ċitazzjoni emendata fis-17 ta' Novembru 2015[8] u ma kienx meħtieġ li jerġa' jiġi notifikat, għaliex iż-żmien ta' preskrizzjoni kien sospiż minn dan il-waqt u b'effett tal-Artikolu 687(2) tal-Kap. 9, baqa' u għadu sal-lum hekk sospiż sakemm tingħata sentenza finali u definittiva fil-proċedimenti. Fil-fatt, is-subartikolu (2) tal-Artikolu 687 fuq imsemmi, jipprovdi speċifikatament:-

"*Iż-żmien ta' preskrizzjoni għar-rigward ta' kull reat kriminali għandu jkun sospiż mill-waqt li imputazzjoni u, jew att ta' akkuża jiġu notifikati lill-persuna akkużata jew imputata sa dak iż-żmien meta tingħata sentenza finali u definittiva fil-proċedimenti li jkunu inbdew bħala riżultat ta' dik l-imputazzjoni jew att ta' akkuża*."

---

[7] Għaxar snin bl-applikazzjoni tal-Artikolu 688(ċ) tal-Kap. 9 li beda jiddekorri minn meta c-cheques li nħarġu mill-kwerelant in linea ta' ħlas għad-depożitu akkont tal-prezz u tal-appalt, għaddew fil-pussess tal-imputat u sarrafhom – 10 ta' Marzu 2006.

[8] Paġni 18, 19 u 20 tal-atti tal-kawża.

Fil-każ li għandha quddiemha l-Qorti, il-proċedimenti fir-rigward tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra l-imputat inbdew fis-17 ta' Novembru 2015 meta l-imputat ġie notifikat u l-istess proċedimenti għadhom mexjin fir-rigward tal-istess imputazzjonijiet, sal-lum. Il-bidu mill-ġdid tal-kompilazzjoni fuq talba tal-Avukat Ġenerali għall-fini tal-Artiklu 432(2) tal-Kap. 9 iktar minn għaxar snin wara l-fatti li taw lok għall-imputazzjonijiet, imfisser fl-isfond tad-dispożizzjoni appena ċitata, ma jnaqqas xejn mill-fatt illi l-azzjoni kriminali dwar l-imputazzjonijiet kienet diġa' nbdiet u kienet għadha għaddejja. **Il-qari tal-akkużi u l-eżami mill-ġdid tal-imputat, ma jfissirx li l-proċedimenti fil-konfront tal-imputat twaqqfu jew li nbdew proċedimenti ġodda u fil-fatt, kif ġie stabbilit iktar qabel, id-difett fl-atti identifikat mill-Avukat Ġenerali u t-talba li għamel taħt l-Artikou 432(2) tal-Kap. 9 ma jġibux in-nullita' tal-proċediment u l-konsegwenti bidu mill-ġdid tal-proċedimenti li jkunu nbdew bħala riżultat tal-imputazzjonijiet odjerni, iżda jġibu biss il-bidu mill-ġdid tal-proċess tal-kompilazzjoni tax-xhieda**. Fil-fatt, fil-każ in diżamina ma kienx hemm żieda ta' imputazzjoni dwar reat ġdid mhux kompriż diġa' fil-kompilazzjoni, f'liema każ l-imputat seta' jitqies li jkun ġie notifikat għall-ewwel darba bil-proċedimenti li jkunu nbdew bħala riżultat ta' dik l-imputazzjoni partikolari, dakinhar li ġie notifikat bl-imputazzjoni ġdida jew meta nqraw l-imputazzjonijiet kif miżjuda.

Fil-każ li għandha quddiemha l-Qorti hu ovvju li l-proċediment kriminali nbeda fir-rigward tal-imputazzjonijiet kollha fis-sena 2015 u dan il-proċediment sal-lum qatt ma waqaf jew ġie estint b'sentenza finali, kif jeħtieġ is-subartikolu (2) tal-Artikolu 687 tal-Kap. 9, fuq ċitat. Għaldaqstant, bl-applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni legali, il-preskrizzjoni ġiet sospiża u għadha hekk sospiża sal-lum bir-riżultat li l-azzjoni kriminali odjerna ma tistax titqies li waqgħet bil-preskrizzjoni.

Għaldaqstant, l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni wkoll mhijiex tajba u qed tiġi miċħuda.

Ikkunsidrat;

**Il-fatti li waslu biex jinħarġu l-akkużi odjerni fil-konfront tal-imputat huma s-segwenti.**

Fis-6 ta' Settembru 2005, l-imputat bħala l-uniku direttur in rappreżentanza tal-kumpannija Acorn Developments Limited u ċertu Oliver Osthus u martu Marise Osthus, daħlu fi ftehim bil-miktub[9] (*'Promise of Cession of Rights of Preliminary Agreement'*) li permezz tiegħu, il-konjuġi Osthus wegħdu li jċedu a favur tal-istess Acorn Developments Limited għall-prezz ta' Lm5,000 u taħt il-kundizzjonijiet l-oħra hemm stipolati, id-drittijiet kollha lilhom spettanti minn konvenju konkluż fil-15 ta' Lulju 2015[10] mill-istess konjuġi Osthus ma' Norbert u Rose Abela, għall-akkwist tal-fond tal-istess konjuġi Abela, konsistenti f'villa bl-isem Villa Palme II, ġewwa Santa Marija Estate, il-Mellieħa[11]. Dan il-konvenju kien soġġett għall-kundizzjoni, fost oħrajn, li l-att finali tal-bejgħ jiġi pubblikat fi żmien tmien xhur[12]. Il-kumpannija Acorn Developments Limited, rappreżentata mill-imputat, da parti tagħha wegħdet li takkwista dawn il-jeddijiet u obbligi naxxenti mill-konvenju ma' Norbert Abela għall-akkwist tal-fond, liema wegħda ta' ċessjoni kienet soġġetta għall-kundizzjoni, fost oħrajn, li jinħareġ sal-25 ta' Novembru 2005 permess favur l-istess Acorn Developments Limited għall-iżvilupp tal-proprjeta' f'żewġ *units* separati.

Mix-xhieda, partikolarment tan-Nutar Robert John Muscat, il-Qorti fehmet li l-effett prattiku ta' dan il-ftehim kien li l-kumpannija Acorn Developments Limited tidħol minflok il-konjuġi Osthus biex takkwista l-fond in vendita fuq l-att finali tal-bejgħ. Dan il-ftehim seta' jsir għaliex bħala l-kompraturi prospettivi fuq il-konvenju oriġinali, il-konjuġi Osthus kienu rriżervaw id-dritt li jissostitwixxu ruħhom b'terzi fuq l-att finali tal-akkwist.

---

[9] Dok. JW1, fol. 45 *et seq*.
[10] Dok. JW, fol, 42 *et seq*.
[11] "Il-proprjeta'" jew "il-fond in vendita".
[12] « *This sale will be made under the following terms and conditions: ... 8. Contents will be signed by not later than eight months from today."*

Sussegwentement, fil-11 ta' Ottubru 2015, l-imputat in rappreżentanza tal-istess kumpannija Acorn Developments Limited daħal fi ftehim ieħor ('*A Second Cession of Rights of Preliminary Agreement of Sale*')[13], did-darba mal-kwerelant John Whibley, fejn il-kumpannija assenjat id-drittijiet u obbligi kollha li kienet appena akkwistat mingħand il-konjuġi Osthus bis-saħħa tal-wegħda taċ-ċessjoni fuq imsemmija, favur l-istess John Whibley għall-prezz komplessiv ta' Lm5,000 soġġetta għall-istess kundizzjoni tal-ħruġ tal-permess għall-iżvilupp tal-proprjeta' in vendita. Il-partijiet ftiehmu wkoll espressament illi jekk il-permessi tal-bini ma jinħarġux sad-data stipolata, il-kwerelant, bħala l-akkwirent, seta' jagħżel li jirrexxindi unilateralment il-ftehim taċ-ċessjoni iżda f'każ li jagħżel li jibqa' marbut bil-ftehim, il-kundizzjoni dwar il-ħruġ tal-permessi ma jibqax ikollha effett. Fuq dan il-ftehim ta' ċessjoni, John Whibley ħallas is-somma ta' Lm10,500 bħala depożitu akkont tal-prezz tal-bejgħ tal-proprjeta', liema ammont kellu jinżamm min-Nutar Robert John Muscat sakemm jinħarġu l-permessi tal-iżvilupp. Ġie miftiehem ukoll:-

"*... a further sum of thirty one thousand five hundred Maltese Liri (Lm31,500) is to be paid within eighteen months from the issuing of the above mentioned permits, whilst the balance within thirty six months from the issuing of the same permit.*"

Dakinhar stess, il-partijiet ftiehmu wkoll illi l-iżvilupp taż-żewġ *semi-detached units* fil-proprjeta' in vendita fil-Mellieħa, jiġi appaltat lill-kumpannija tal-imputat, Acorn Developments Limited. Għalhekk, ġie konkluż kontestwalment mat-tieni ftehim taċ-ċessjoni, żewġ skritturi ta' appalt ('*Contract of Works*')[14], fejn l-imputat in rappreżentanza ta' Acorn Developments Limited, intrabat jiddemolixxi l-villa eżistenti fis-sit, iħaffer fejn meħtieġ u jikkostruwixxi żewġ *units*, 'Villa One' u 'Villa Two', kif speċifikat fl-iskeda annessa mal-iskritturi rispettivi tal-appalt. Dan l-appalt kellu jiġi eżegwit fi żmien sitta u tletin (36) xahar mid-data tal-ħruġ tal-permessi għall-iżvilupp u bil-prezz ta' Lm170,000 għal kull *unit*.

[13] Dok. JW2, fol. 48 *et seq*.
[14] Dok. JW3, fol. 51 *et seq* (Villa One) u Dok. RS6, fol. 159 *et seq*. (Villa Two).

Mhux kontestat illi John Whibley ħareġ erba' *cheques*, tnejn ta' Lm17,000 kull wieħed in linea ta' depożitu ta' għaxra fil-mija (10%) tal-appalt tax-xogħolijiet fuq iż-żewġ *units* li kellhom jiġu żviluppati, u żewġ *cheques* oħra fis-somma ta' Lm10,500 kull wieħed, rappreżentanti 10% tal-prezz tal-bejgħ tal-proprjeta', liema *cheques* inħarġu lkoll f'isem Acorn Developments Limited. Il-partijiet ftiehmu li dawn ic-*cheques* kollha jibqgħu għand in-Nutar Robert Muscat li quddiemu ġew iffirmati l-iskritturi ta' ċessjoni u appalt, sakemm jinħareġ il-permess tal-iżvilupp favur l-imputat. Il-partijiet ftiehmu hekk fir-rigward tal-bilanċ:-

"*The remaining sum of one hundred and fifty three thousand Maltese liri (Lm153,000) is to be paid as to the sum of fifty one thousand Maltese liri (Lm51,000) as soon as the property is built in shell form of construction, and this as a further deposit on account of the price, whilst the final balance is to be paid as soon as the architect in charge of the building issues a certificate confirming that the said works have been completed as per attached schedule.*"

Jirriżulta mill-atti proċesswali li l-permess għall-iżvilupp tal-proprjeta' inħareġ fit-23 ta' Mejju 2006[15] għalkemm diġa' fit-28 ta' Marzu 2006 il-*case officer* kien diġa' rrakkomanda li l-applikazzjoni tintlaqa' favorevolment. L-erba' *cheques* maħruġa minn Whibley u li ngħataw lin-Nutar Robert Muscat, ilkoll ġew rilaxxati lill-imputat bil-kunsens ta' Whibley, liema *cheques* jirriżulta li ssarrfu mill-kumpannija Acorn Properties Limited, tnejn minnhom fis-somma ta' Lm10,500 kull wieħed fl-10 ta' Marzu 2006 u t-tnejn l-oħra fis-somma ta' Lm17,000 kull wieħed fit-13 ta' April 2006, b'kollox is-somma ta' Lm55,000[16].

Meta wasal iż-żmien biex jiġi konkluż l-att finali tal-bejgħ tal-proprjeta', kienet il-kumpannija Acorn Properties Limited, rappreżentata mid-direttur tagħha l-imputat, illi dehret fuq l-att finali tal-bejgħ u akkwistat dan il-fond mingħand Nobert u Rose

[15] Vide fol. 522.
[16] Ara bank statements Dok. JW5 u cheque images Dok. JW6.

Abela. Dan il-kuntratt ġie pubblikat min-Nutar Robert Muscat fid-9 ta' Ġunju 2006[17]. Jirriżulta wkoll illi l-kumpannija Acorn Properties Limited ġiet inkorporata fit-22 ta' Novembru 2005[18] u meta akkwistat il-proprjeta' bil-kuntratt tad-9 ta' Ġunju 2006, l-imputat kien l-uniku azzjonist u direttur tagħha[19].

Ikkunsidrat;

It-teżi tal-Prosekuzzjoni hi li l-imputat mexa b'qerq fil-konfront tal-kwerelant għaliex filwaqt li bħala direttur tal-kumpannija Acorn Developments Limited kien ċeda u assenja lill-istess kwerelant id-drittijiet u obbligi tal-konvenju oriġinali, akkwistati mingħand Oliver u Marise Osthus bil-ftehim ta' ċessjoni konkluż fis-6 ta' Settembru 2005, l-istess kumpannija Acorn Developments Limited rappreżentata mill-istess imputat, li lilha kien ġie mħallas id-depożitu fuq il-prezz tal-akkwist tal-proprjeta' u d-depożitu fuq il-prezz tal-appat, reġgħet assenjat dawn l-istess drittijiet u obbligi lil kumpannija oħra tal-imputat Acorn Properties Limited ad insaputa tal-kwerelant, meta l-ftehim ta' ċessjoni konkluż mal-kwerelant kien għadu fis-seħħ. Dan kollu wassal biex l-imputat għamel gwadann inġust a skapitu tal-kwerelant li sofra telf patrimonjali.

Fil-kuntratt ta' bejgħ tad-9 ta' Ġunju 2006, ġie stipolat hekk:-

"*.... the company Acorn Developments LTD, with the consent of the vendors spouses Abela, hereby cedes and therefore assigns to the purchaser company ACORN PROPERTIES LTD which accepts, any and all the rights and obligations which the said Acorn Developments Ltd enjoys on the property at Mellieħa, arising from the aforementioned preliminary agreement of the 15th July 2005 and from the first assignment/cession of rights of the 6th September 2005, mentioned above.*"

---

[17] Dok. RMX, fol. 571 *et seq*. tal-atti.
[18] Ara xhieda PL Quentin Tanti u Dok. QT2.
[19] Ara Dok. QT2, paġna 90 *et seq.* tal-atti tal-kawża.

Il-Prosekuzzjoni tikkontendi li peress li l-ftehim ta' ċessjoni konkluż mal-kwerelant fil-11 ta' Ottubru 2005 qatt ma ġie terminat jew sorvolat b'xi ftehim sussegwenti, l-imputat inganna lill-kwerelant meta f'isem il-kumpannija Acorn Developments Limited, huwa assenja l-istess drittijiet u obbligi li kien diġa' assenja lill-istess kwerelant, lill-kumpannija l-oħra tiegħu, Acorn Properties Limited, biex tixtri hija stess minflok il-kwerelant, il-proprjeta' li l-istess kwerelant kien diġa' ħallas xejn inqas minn Lm55,000 biex jakkwistaha u jiżviluppaha. Ġie sottomess ukoll illi bir-riżultat ta' din il-manuvra qarrieqa, l-imputat abbuża mill-pożizzjoni tiegħu ta' direttur fiż-żewġ kumpanniji billi qala' lill-kwerelant 'il barra min-negozju u daħħal kumpannija oħra minn tiegħu biex tixtri l-proprjeta' minfloku.

Ġie sottomess ukoll mill-Prosekuzzjoni illi għalkemm il-kwerelant ħallas ammont sostanzjali ta' flus lill-kumpannija Acorn Developments Limited biex tiżviluppa l-proprjeta' f'żewġ *units* separati skont il-permess tal-iżvilupp maħruġ f'isem l-imputat għan-nom tal-istess Acorn Developments Limited, dan l-appalt baqa' ma ġiex eżegwit skont kif miftiehem u minflok, huwa għadda l-fondi mħallsin mill-kwerelant, lill-kumpannija oħra tiegħu, Acorn Properties Limtied biex xtrat il-proprjeta' minflok il-kwerelant. Il-Prosekuzzjoni ssostni li l-imputat kellu juża l-flus għall-iskop li għalih ġie miftiehem mal-kwerelant fid-diversi skritturi konklużi bejniethom, u għal ebda skop ieħor u konsegwentement għandu jinstab ħati wkoll tar-reat ta' misapproprjazzjoni taħt l-Artikoli 293 u 294 tal-Kap. 9, għaliex huwa mhux biss ma użax il-fondi li ġew imħallsa lilu għal skop speċifikat mill-kwerelant, iżda għadda dawn il-fondi lil kumpannija differenti mingħajr il-kunsens tal-istess kwerelant.

L-ilment ta' John Whibley, il-kwerelanti, kif joħroġ mix-xhieda tiegħu stess f'dawn il-proċeduri, hi li minkejja li huwa kellu ftehim mal-kumpannija Acorn Developments Limited, rappreżentata mill-imputat, biex tbiegħlu u tibnilu żewġ proprjetajiet fil-Mellieħa, l-imputat kien xtara din il-proprjeta' f'isem kumpannija oħra minn tiegħu, Acorn Properties Limited, u għadda lil din il-kumpannija l-flus li kien ħallsu preventivament in linea ta' depożitu tal-prezz tal-akkwist taż-żewġ fondi u tal-prezz

tal-appalti rispettivi. Sostna wkoll illi minkejja li kien ħallas ammont sostanzjali biex jiġi eżegwit l-appalt, ix-xogħolijiet ta' żvilupp imxew b'pass kajman ħafna u ż-żewġ units li kellhom jinbnew baqgħu ma ġewx kostruwiti.

Whibley xehed illi huwa kien imur fuq is-sit regolarment biex jara l-andament tax-xogħolijiet u kien imur ukoll l-aġent tiegħu, Pierre Faure', iżda għalkemm il-binja eżistenti laħqet ġiet demolita, ma kienx sar xogħol ta' kostruzzjoni u b'hekk irrejalizza li l-appalt ma kienx ser jiġi eżegwit fiż-żmien miftiehem. Meta għalqu t-tliet snin pattwiti għat-tlestija tal-appalt, huwa żamm diversi laqgħat mal-imputat biex jipprova jġib flusu lura iżda ma waslux għal ftehim u kien biss wara li huwa kien istitwixxa proċeduri ċivili fil-konfront tal-imputat u Acorn Developments Limited illi sar jaf illi l-imputat kien xtara l-proprjeta' f'isem kumpannija differenti. Xehed ukoll illi l-imputat kien skuża ruħu ħafna miegħu u pprova ħafna jfittex kif seta' jħallsu lura, anke billi offrielu proprjetajiet alternattivi iżda l-offerti li għamel ma kienux aċċettabbli għalih.

Il-verżjoni tal-imputat, kif jirriżulta mil-istqarrija minnu rilaxxat fil-5 ta' Lulju 2014, hija li l-ftehim li kellu mal-kwerelant kien li Whibley kellu jħallas is-somma ta' Lm102,000 wara tmintax-il xahar iżda huwa baqa' ma ħallasx din is-somma u ma għamilx kuntatt miegħu, lanqas tramite l-aġent tal-proprjeta', Pierre Faure'. Stqarr illi kienet il-kumpannija Acorn Properties Limited li akkwistat il-fond minflok il-kumpannija Acorn Developments Limited - li favur tagħha kienu ġew ċeduti d-drittijiet ta' Oliver Osthus fuq il-konvenju mal-venditur Norbert Abela – għaliex il-kontijiet bankarji ta' din tal-aħħar kienu ġew kolpiti minn mandat ta' sekwestru maħruġ minn terzi u konsegwentement, kienet prekluża milli tikseb self bankarju għall-ħlas tal-bilanċ tal-prezz tal-akkwist tal-fond in vendita. Skont l-imputat, huwa waqqaf il-kumpannija Acorn Properties Limited għall-ħabta ta' Mejju 2006 sewwasew biex tieħu self bankarju u b'hekk takkwista hija stess il-fond mingħand Norbert Abela. Qal ukoll li Whibley fetaħlu kawża ċivili biex jitħallas lura d-depożitu li kien ħallsu in linea ta' depożitu tal-prezz tal-akkwist u l-prezz tal-appalt.

Għandu jingħad illi l-Qorti qiegħda tagħmel referenza għall-kontenut ta' din l-istqarrija biss għaliex id-difiża fit-trattazzjoni finali saħqet li m'għandha l-ebda lanjanza dwar il-validita' jew ammissibilita' tal-istqarrija bħala prova u sottomettiet espressament li ma għandha l-ebda diffikolta' li ssir referenza għad-dikjarazzjonijiet li għamel l-imputat waqt l-interrogazzjoni tiegħu mill-Pulizija.

Ikkunsidrat;

L-imputat qed jiġi akkużat bir-reati ta' truffa u frodi nnominat taħt l-Artikoli 308 u 309, rispettivament, tal-Kodiċi Kriminali, reati li jikkriminalizzaw l-użu tal-ingann li jinduċi bniedem jiddisponi minn ġid li fil-kors normali tan-negozju ma kienx jagħmel.

Ikun opportun li jiġi stabbilit qabel xejn x'inhuma l-elementi li jsawru dawn iż-żewġ reati sabiex imbagħad jigi determinat jekk dawn isibux riskontru fil-fattispeċje tal-każ odjern.

Fis-sentenza prominenti in materja, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Marjanu Zahra**[20] ġie affermat illi:-

*"Biex jissussti ir-reat tal-frodi jew truffa gie ritenut kostantement fil-gurisprudenza u fis-sentenzi tal-qrati taghna illi iridu jinkonkorru diversi elementi. Ibda biex irid ikun hemm* ***ness bejn is-suggett attiv u is-suggett passiv tar-reat u cioe' bejn minn qieghed jikkommetti ir-reat u il-vittma****. Hemm imbaghad l-element materjali ta' dana ir-reat u cioe'* ***l-uzu ta' ingann jew raggieri li iwasslu lil vittma sabiex isofri it-telf patrimonjali****. Finalment huwa necessarju li ikun hemm l-element formali tar-reat konsistenti* ***fid-dolo jew fl-intenzjoni tat-truffatur jew frodatur li jinganna u dana sabiex jikseb profitt jew vantagg ghalih innifsu****. Jekk xi wiehed jew iktar minn dawn*

[20] *Supra*.

*l-elementi huma nieqsa, allura ir-reat tat-truffa ma jistax jisussisti.* [emfasi ta' din il-Qorti]

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Anthony Fountain et**[21] ġie ritenut hekk in propositu tal-element tal-ingann meħtieġ għal entrambi reati prospettati mill-Artikolu 308 u 309 tal-Kap. 9:-

*"Fil-Ligi taghna biex ikun hemm it-truffa jew il-frodi innominata* ***irid ikun gie perpetrat mill-agent xi forma ta' ingann jew qerq, liema ingann jew qerq ikun wassal lill-vittma sabiex taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti qliegh ghall-agent*** *... jekk l-ingann jew qerq ikun jikkonsisti f'raggiri jew artifizi - dak li fid-dottrina jissejjah ukoll mis-en-scene - ikun hemm it-truffa; jekk le ikun hemm hemm ir-reat minuri ta' frodi innominata (jew lukru frawdolenti innominat).*[22]

Kwantu, speċifikatament, l-element formali tar-reat, ingħad:

"*.... illi jrid jkun hemm qabel xejn l-intenzjoni tal-frodatur li jipprokura b'ingann il-konsenja tal-flus jew oggett li jkun fi profit ingust tieghu. L-ingustizzja tal-profitt tohrog mill-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali fejn il-kliem "bi hsara ta' haddiehor" ma jhallux dubbju dwar dan. Jigifieri biex ikun hemm l-element intenzjonali tar-reat ta' truffa, hemm bzonn li* ***s-suggett attiv tar-reat fil-mument tal-konsumazzjoni tieghu ikun konxju tal-ingustizzja tal-profitt u b'dan il-mod il-leġittima produttivita' tal-profitt hija bizzejjed biex teskludi d-dolo***."[23] (emfasi ta' din il-Qorti)

L-elementi essenzjali tar-reat ta' truffa u r-reat ta' frodi nnominata huma identiċi u huma biss il-mezzi adoperati biex jigi perpetrat l-ingann li jiddistingwi t-truffa mir-reat minuri. Fil-waqt li r-reat ta' truffa jeħtieġ l-użu ta' apparat estern konsistenti

[21] Deciza minn din il-Qorti diversament preseduta fil-15 ta' Dicembru, 2011 (Numru: 688/2009)

[22] Enfasi ta' din il-Qorti.

[23] **Ara Il-Pulizija v. Charles Abela**, deċiża minn din il-Qorti diversament preseduta fis-6 ta' Lulju 2016, li fiha ċitat eżawrjentement mis-sentenza **Il-Pulizija v. Marjanu Zahra**, *op cit*.

f'raġġiri jew artifizzji li jsaħħaħ il-kredibbilita' tal-affermazzjonijiet menzonjeri tal-frodatur, ossia l-messa in xena, fir-reat minuri taħt l-Artikolu 309 tal-Kap. 9 l-element tar-"raggiri" jew l-"artifizji" mhux meħtieġ u allura anke gidba semplici hija biżżejjed għall-kommissjoni ta' dana ir-reat, basta dana irid bil-fors iwassal sabiex il-vittma u ċioe' is-suġġett passiv ta' dan ir-reat isofri xi telf patrimonjali bil-konsegwenti arrikkiment għal min jgħid dik il-gidba[24].

Il-Prosekuzzjoni kif rajna, tikkontendi li l-imputat qarraq bil-kwerelant meta ċeda d-drittijiet li kien diġa' assenjalu bil-ftehim tal-11 ta' Ottubru 2005, lill-kumpannija oħra tiegħu li spiċċat xtrat il-proprjeta' hija stess minflok il-kwerelant; dan kollu meta l-kwerelant kien diġa' ħallas is-somma ta' Lm55,000 lill-kumpannija Acorn Developments Limited għall-akkwist u l-iżvilupp ta' din il-proprjeta'.

Bl-applikazzjoni tal-insenjament in materja tar-reat ta' frodi, għall-fattispeċje ta' dan il-każ, jeħtieġ li l-Prosekuzzjoni tressaq provi konklussivi li l-imputat uża mezzi speċifiċi ta' ingann jew, *de minimis*, gideb, li wasslu biex huwa għamel gwadann inġust a skapitu tal-kwerelanti li, min-naħa tiegħu, ġarrab telf patrimonjali. Hija għalhekk imperattiva il-prova li t-telf patrimonjali soffert mill-vittma ikun seħħ b'riżultat tal-użu mill-imputat ta' xi xorta ta' apparat estern bħal wegħdiet foloz jew gideb.

F'dan il-każ, kif stabbilit, il-kwerelant ħallas is-somma ta' Lm55,000 permezz ta' erba' *cheques* intestati lil Acorn Developments Limited in linea ta' depożitu akkont tal-prezz tal-akkwist tal-proprjeta' kif ukoll depożitu akkont tal-prezz totali tal-appalt li ngħata lill-istess kumpannija. Dawn ic-*cheques* ġew imħallsa mill-kwerelant fuq l-iskrittura tal-wegħda taċ-ċessjoni[25] u fuq iż-żewġ skritturi tal-appalt[26] fil-11 ta' Ottubru 2005 u ingħataw lin-Nutar Robert John Muscat biex jinżammu għandu u jgħaddihom lil Acorn Developments Limited ġaladarba jinħarġu l-permessi tal-bini.

---

[24] Ara sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Carmela German**, deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali Inferjuri 30.12.2004.

[25] In kwantu għas-somma komplessiva ta' Lm21,000.

[26] In kwantu għas-somma komplessiva ta' Lm34,000.

Minnufih il-Qorti tgħid illi ma jirriżultax illi l-imputat għamel xi messa in xena biex jakkwista l-ħlas ta' dawn il-fondi u lanqas ma qal xi gidba li bis-saħħa tagħha pprokura l-ħlas ta' dawn il-fondi. Huwa indiksuss illi sal-11 ta' Ottubru 2005, il-kwerelant John Whibley ried jixtri l-proprjeta' in vendita, tant illi quddiem in-Nutar Robert John Muscat huwa akkwista l-jeddijiet u obbligi naxxenti mill-konvenju konkluż fil-15 ta' Lulju 2005 bejn is-sidien oriġinali (il-konjuġi Abela) u x-xerrejja prospettivi (il-konjuġi Osthus), mingħand Acorn Developments Limited. Dan hu affermat mill-kwerelant innifsu fix-xhieda tiegħu. Kemm hu hekk, jirriżulta li hu iffirma kopja tal-istess konvenju b'sinjal tal-aċċettazzjoni espressa tiegħu tal-kundizzjonijiet hemm pattwiti, impenja ruħu li jirrifondi lill-konjuġi Osthus il-boll ġia' imħallas minnhom fuq il-konvenju, kif ukoll u ħallas il-prezz tal-assenjazzjoni, id-depożitu akkont tal-prezz tal-bejgħ tal-fond u depożitu fuq il-valur tal-appalt. M'huwiex ippruvat, anzi huwa eskluż, illi l-imputat f'dan l-istadju uża xi mossa qarrieqa jew qerq ieħor, la biex jipprokura l-ħruġ tal-erba' *cheques* li ġew depożitati għand in-Nutar u lanqas biex jikseb ir-rilaxx eventwali ta' dawn ic-*cheques* favur tiegħu fl-10 ta' Marzu 2006. **Fil-fatt, John Whibley stess xehed illi huwa kien espressament awtorizza lin-Nutar Robert John Muscat jirrilaxxa dawn ic-cheques lill-imputat - fatt li ġie affermat mill-istess Nutar fix-xhieda tiegħu – proprju għaliex l-applikazzjoni għall-permess tal-iżvilupp tal-proprjeta' kienet ġiet approvata, skont kif ġie del resto maqbul espressament fil-ftehim taċ-ċessjoni tal-11 ta' Ottubru 2005**.

Il-Qorti tqis ukoll illi l-fatt innifsu illi sussegwentement, il-proprjeta' ma nxtratx mill-kwerelant jew minn Acorn Developments Limited iżda nxtrat mill-imputat f'isem il-kumpannija l-oħra tiegħu, Acorn Properties Limited, ukoll ma jikkostitwixxix prova li l-fondi li tħallsu mill-kwerelant għall-akkwist tal-proprjeta', tħallsu b'effett ta' xi lużingi jew promessi qarrieqa magħmula mill-imputat.

Wara li studjat bir-reqqa l-provi u l-atti proċesswali, il-Qorti tqis li huwa ppruvat sal-grad tal-probabbli t-teżi tad-difiża li l-imputat spiċċa xtara l-proprjeta' huwa stess f'isem kumpannija tiegħu, mhux għaliex huwa inganna bil-kwerelant iżda b'obbligu legali proprju għaliex kien il-kwerelant innifsu li ma riedx jixtri l-proprjeta'. Jirriżulta, u dan ġie affermat ukoll min-Nutar Muscat fix-xhieda tiegħu, illi l-imputat f'isem Acorn Developments Limited, assenja fuq il-kuntratt tal-bejgħ tal-proprjeta'[27] lill-kumpannija l-oħra tiegħu Acorn Properties Limited, id-drittijiet u obbligi li hu kien akkwista bis-saħħa tal-ftehim tal-assenjazzjoni li kien ikkonkluda mal-konjuġi Osthus fis-6 ta' Settembru 2005. In-Nutar Robert Muscat xehed illi kienu saru diversi estensjonijiet tal-konvenju fuq talba tal-imputat u fil-fatt, fuq insistenza tal-vendituri l-konjuġi Abela[28], l-att finali tal-bejgħ ġie eventwalment konkluż xhur wara ż-żmien li kien oriġinarjament miftiehem. Xehed ukoll illi waħda mir-raġunijiet għala l-konvenju ġie estiż kienet li Whibley ma kienx f'pożizzjoni sa dak iż-żmien, li jersaq għall-att finali tal-bejgħ għaliex huwa kellu diġa' f'ismu proprjeta' immobbli oħra ġewwa Malta u l-liġi kif kienet fis-seħħ dak iż-żmien kienet tivvjeta persuna li mhux residenti Malta tixtri iktar minn proprjeta' waħda. Ikkonferma illi għalhekk, bħala stat ta' fatt, Whibley ma setax jidher fuq il-kuntratt finali tal-bejgħ biex jixtri l-proprjeta' mertu ta' dawn il-proċeduri u fil-fatt, Whibley ma kienx deher għall-kuntratt u lanqas qatt ikkomunika miegħu biex isir il-kuntratt tal-bejgħ.

Huwa xehed:-

"*Is-Sur Whibley ma resaqx għall-kuntratt finali, Jiġifieri l-katina kellha tmur lura għal the next in line.*"[29]

Xehed ukoll:-

"*Whibley qatt ma resaq biex iġedded it-terminu tiegħu fuq l-assenjazzjoni.*"

---

[27] 9 ta' Ġunju 2006.
[28] Fol. 244.
[29] Fol. 238, xhieda tan-Nutar Robert John Muscat.

Hawnhekk il-Qorti tosserva illi minn eżami tar-riċerki esebiti min-Nutar Robert John Muscat fl-atti tal-kawża Rikors Numru 315/12 fl-ismijiet **John Whibley v. Acorn Developments Limited**,[30] jirriżulta illi effettivament, il-kwerelant diġa' kellu proprjeta' oħra f'ismu fiż-żmien meta daħal fil-ftehim tal-assenjazzjoni mal-kumpannija Acorn Developments Limited. Huwa minnu li huwa kien biegħ din il-proprjeta' fit-28 ta' Ottubru 2005, iżda jirriżulta wkoll illi biss ftit xhur wara, fit-13 ta' Ġunju 2006, huwa kien akkwista proprjeta' oħra[31]. Dawn ir-riżultanzi jikkonfortaw mhux biss ix-xhieda tan-Nutar li l-meta akkwista b'assenjazzjoni d-drittijiet u obbligi tal-konvenju oriġinali, il-kwerelant kien preklużmilli jixtri proprjeta' oħra f'ismu, iżda wkoll il-fehma tal-Qorti illi l-kwerelant ma riedx jew ma kienx bi ħsiebu jixtri l-proprjeta' fil-Mellieħa ġaladarba jirriżulta li fl-istess żmien tal-pubblikazzjoni tal-att finali tal-bejgħ fid-9 ta' Ġunjju 2006, huwa kien diġa' qiegħed fil-proċess li jixtri proprjeta' differenti.

Fil-fatt, minkejja li kellu jkun ben konxju tal-perijodu tal-validita' tal-konvenju, il-kwerelant baqa' kompletament passiv u ħalla jiskadi ż-żmien għall-validita' tal-konvenju mingħajr qatt ma ġedded jew estenda l-effikaċja tal-assenjazzjoni jew ħa passi legali biex iżomm il-konvenju fis-seħħ. Mistoqsi in kontro-eżami jispjega għaliex huwa naqas milli jidher fuq l-att finali tal-bejgħ, Whibley wieġeb li ma kienx ġie mitlub jagħmel dan u kkonferma wkoll li ma kienx interpella lill-imputat ġudizzjarjament b'xi mod in konnessjoni mal-konvenju għall-akkwist tal-proprjeta'.

Mill-kumpless tal-provi jirriżulta li l-kwerelant mhux biss ma deherx biex jixtri l-proprjeta' iżda naqas milli juri ebda interess kwalsiasi li jakkwistaha bis-saħħa tal-assenjazzjoni favur tiegħu tal-jeddijiet tal-konvenju tal-15 ta' Lulju 2005, jew li jenforza dawn il-jeddijiet tiegħu. Lanqas wera ebda interess li jivverifika jekk il-proprjeta' ġietx effettivament mibjugħa bis-saħħa tal-konvenju tal-15 ta' Lulju 2005 u lil min inbiegħet. Il-Qorti tqis illi kien fl-interess tal-kwerelant li jsegwi l-proċess tal-

[30] Dok. YTB, paġna 620 *et seq*. tal-atti tal-kawża.
[31] Fol. 631.

konvenju u jara li jissalvagwardja tempestivament l-interess u l-jedd tiegħu li jixtri l-proprjeta' li għaliha kien diġa' ħallas ammont sostanzjali ta' flus: il-fatt li mix-xhieda tan-Nutar Robert John Muscat jirriżulta li huwa qatt ma deher għall-estensjonijiet u lanqas qatt ma għamel kuntatt miegħu, wisq anqas deher għall-kuntratt, jikkonvinċu lill-Qorti illi effettivament, il-kwerelant ma kienx iktar interessat, jew ma setax għal xi raġuni jew oħra, jidher fuq il-kuntratt tal-bejgħ tal-proprjeta' abbażi tal-konvenju tal-15 ta' Lulju 2005 u jixtri l-proprjeta'. Il-kwerelant kien ben konsapevoli li l-kuntratt finali tal-bejgħ skont kif pattwit fil-konvenju oriġinali kellu jsir sal-15 ta' Marzu 2006[32] u għall-Qorti, il-fatt li evidentement huwa mhux biss ma għamel assolutament xejn biex jara li jersaq għall-kuntratt finali iżda wkoll ma offra l-ebda spjegazzjoni għaliex naqas milli jadempixxi l-obbligu tiegħu taħt il-ftehim ta' assenjazzjoni li jidher fuq il-kuntratt tal-akkwist u jixtri l-proprjeta' in vendita skont kif pattwit fl-istess konvenju, jikkonvinċiha illi l-kwerelant ma riedx jew ma setax jersaq għal dan il-bejgħ, kif del resto xehed in-Nutar Robert Muscat.

Din il-konklużjoni hi msaħħa ulterjorment bil-konferma tal-kwerelant innifsu li huwa ma kienx jaf li l-proprjeta' kienet inbiegħet u sar jaf li kienet il-kumpannija Acorn Properties Limited li kienet effettivament akkwistat il-proprjeta' mingħand il-konjuġi Abela, biss diversi snin wara meta ressaq lil Norbert Abela jixhed fil-mori tal-proċeduri ċivili li kien istitwixxa fil-konfront tal-imputat odjern għar-rifużjoni tal-flus li kien ħallsu in konnessjoni ma' dan in-negozju[33].

Għall-Qorti, din hija affermazzjoni konklussiva li minn ferm qabel il-pubblikazzjoni tal-att finali tal-bejgħ, il-kwerelant ma riedx jew ma kienx għadu interessat fl-akkwist fil-proprjeta' fil-Mellieħa; affermazzjoni li tkompli tnaqqax fl-attendibbilita' tat-teżi tal-Prosekuzzjoni u tal-kwerelant illi l-imputat xtara l-proprjeta' minn wara dahar

---

[32] Ara xhieda ta' John Whibley, 15 ta' April 2019, fol. 398, 399 u 400: "*I am not a party to this agreement but this bears my siganture that I actually had notice of this agreement*," b'referenza għall-konvenju bejn Abela u Osthus, Dok. JW.

[33] Ara kopja legali tal-atti proċesswali tal-kawża Rikors Numru 315/2012 fl-ismijiet **John Whibley v. Acorn Developments Limited**, Dok. YTB, fol. 427 et sequitur tal-atti proċesswali ta' din il-kawża. Jirriżulta li Norbert Abela xehed quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' Jannar 2014, tmien snin sħaħ wara l-bejgħ tal-proprjeta' lill-kumpannija tal-imputat.

Whibley u ingannah meta xtara din il-proprjeta' f'isem il-kumpannija Acorn Properties Limited. Tislet minn dan kollu inferenza ċara li l-kwerelant seta' leġittimament jobsor li f'dawn iċ-ċirkostanzi iċ-ċessjonarju tiegħu, Acorn Developments Limited, tersaq hija stess għall-akkwist tal-proprjeta' kif del resto kienet legalment obbligata tagħmel in segwitu għall-abdikazzjoni totali tiegħu minn dan l-obbligu, u tavalla ruħha wkoll fuq l-att finali, mid-dritt ta' sostituzzjoni ta' terzi minflokha[34].

Il-korollarju inevitabbli ta' dan in-nuqqas tal-kwerelant hu illi l-imputat, f'isem Acorn Developments Limited, seta' mhux biss jakkwista huwa stess il-fond in vendita iżda seta' wkoll liberament iċedi lill-kumpannija Acorn Properties Limited jew lil kwalunkwe terz ieħor, id-drittijiet u obbligi li ġew assenjati mill-konjuġi Osthus fuq il-konvenju tal-15 ta' Lulju 2005 u dan mingħajr ma kellu bżonn il-kunsens jew approvazzjoni tal-kwerelant biex jagħmel dan. *Multo magis* meta l-kwerelant kien awtorizza r-rilaxx taż-żewġ *cheques* bil-pagament tad-depożitu akkont tal-prezz, fis-somma komplessiva ta' Lm21,000, favur Acorn Developments Limited f'Marzu 2006. Prezz li kieku Whibley kien bi ħsiebu jixtri l-proprjeta' in vendita huwa stess, ma kienx jirrilaxxah lil Acorn Developments Limited iżda lis-sidien li mingħandhom kien obbliga ruħu li jakkwista l-fond in vendita.

Fil-fatt, in-Nutar Muscat kkonferma ripetutament fix-xhieda tiegħu illi l-assenjazzjoni li saret minn Acorn Developments Limited lil Acorn Properties Limited seta' jsir "*għaliex l-aħħar parti mill-katina* (il-kwerelant) *ma kienx qed jersaq għall-kuntratt, seta' jsir assenjazzjoni oħra.*"[35]

Xehed ukoll:-

[34] Ara xhieda in kontro-eżami tan-Nutar Robert John Muscat, 26 ta' Jannar 2021.

[35] Fil-fatt, bl-iskittura tas-6 ta' Settembru 2005, il-kumpannija Acorn Developments Limited kienet akkwistat il-jedd tal-kompratur prospettiv fuq il-konvenju, li jissostitwixxi ruħu b'terzi fuq l-att finali tal-bejgħ.

"*Jekk xi ħadd ma jasalx, iktar u iktar fejn inti għandek wegħda ta' ċessjoni u mhux ċessjoni proprja reġistrata mas-CFR fejn inti l-persuna litteralment inqalgħet 'il barra minn dak il-ftehim, imbagħad fil-kuntratt finali jidhru the first and the last biex nġġidu hekk, hija xi ħaġa komuni ħafna*."

Minn dan jikkonsegwi illi meta minflok Whibley, l-imputat resaq biex jixtri l-proprjeta' huwa stess f'isem kumpannija oħra tiegħu, kien qiegħed jaġixxi wkoll in adempiment tal-obbligu li kien assuma fuq l-iskrittura ta' ċessjoni ta' drittijiet li kkonkluda mal-konjuġi Osthus fil-11 ta' Ottubru 2005 - ċioe' l-obbligu li jixtri l-proprjeta' - u mhux b'xi mossa qarrieqa biex jeludi xi drittijiet spettanti lil Whibley. Fil-fatt, in-Nutar Robert Muscat fisser fix-xhieda tiegħu illi ġaladarba Whibley ma deherx għall-kuntratt, u ma ressaq lil ħadd biex jidher minfloku, Acorn Developments Limited kienet tabilħaqq obbligata tersaq hija stess għall-bejgħ għaliex b'effett tal-ftehim ta' assenjazzjoni tad-drittijiet tal-konvenju oriġinali, konkluż bejn l-imputat u l-konjuġi Osthus, l-istess imputat għan-nom ta' Acorn Developments Limited kellu jitqies bħala l-kompratur prospettiv marbut bl-obbligu tax-xiri tal-proprjeta' mingħand il-vendituri Abela abbażi tal-konvenju oriġinali[36]. Hemm ukoll il-fatt illi l-kumpannija Acorn Developments Limited, issa l-kompratur prospettiv marbuta bl-obbligu u l-jeddijiet naxxenti mill-konvenju, kellha d-dritt tissostitwixxi lilha nnifisha b'terzi fuq il-kuntratt finali tal-bejgħ. Il-Qorti ma taqbilx li f'dawn iċ-ċirkostanżi, l-imputat kellu bżonn jikseb il-kunsens tal-kwerelant jew ikun awtorizzat minnu biex seta' jixtri l-proprjeta' in vendita huwa stess f'isem il-kumpannija Acorn Developments Limited jew f'isem xi ħaddieħor.

Mill-kumpless tal-provi, jirriżulta wkoll illi l-kwerelant mhux biss ma kienx interessat fl-akkwist tal-proprjeta' iżda ma kienx interessat lanqas fit-twettiq tal-appalt mogħti lil Acorn Developments Limited. Fil-fatt, jirriżulta illi l-kwerelant, kif ra li ftit li xejn

[36] Ma jirriżultax illi l-vendituri konjuġi Abela kienu ikkonvalidaw iż-żewġ assenjazzjonijiet tad-drittijiet u obbligi naxxenti mill-konvenju oriġinali li huma kienu kkonkludew mal-konjuġi Osthus u għalhekk il-Qorti tqis li dawn l-assenjazzjonijiet ma jagħmlux stat fil-konfront tagħhom, u billi l-imputat kien ħallas lill-konjuġi Osthus biex joħroġ mill-konvenju, kien imiss hu fil-katina ta' kompraturi rispettivi marbutin bil-konvenju.

kienu qed isiru xogħolijiet fis-sit, minflok ra kif għamel biex jassigura li l-appalt jitwettaq tempestivament, *ex admissis* baqa' qatt ma għamel kuntatt mal-imputat u minflok, iddeċieda għal darb'oħra li ma jagħmel xejn ħlief li ħalla, konxjament, jagħlaq iż-żmien miftiehem għat-tlestija tal-appalt qabel jibda jara kif jista' jirkupra l-flus li kien ħareġ fuq dan in-negozju. Kemm hu hekk, huwa stqarr ukoll li qatt ma talab lill-imputat għar-rifużjoni tal-pagamenti li kien irrilaxxa favur tiegħu, ħlief wara li kien għalaq iż-żmien miftiehem għall-eżekuzzjoni tal-appalt[37].

Ikkunsidrat;

Illi f'dan il-kwadru ta' fatti u kif sewwa ġie sottomess mid-difiża waqt it-trattazzjoni, hu evidenti illi meta l-imputat akkwista l-proprjeta' in vendita huwa stess, f'isem il-kumpannija Acorn Properties Limited, l-imputat aġixxa leġittimament in bażi għal drittijiet kif ukoll obbligi li huwa kien akkwista mill-ftehim ta' assenjazzjoni konkluż fis-6 ta' Settembru 2005 u dan in segwitu għall-abdikazzjoni assoluta da parti tal-kwerelant mill-istess jeddijiet u obbligi li kienu assenjati lilu b'effett tal-ftehim ta' ċessjoni tal-11 ta' Ottubru 2005. Għall-Qorti, il-fatt illi l-imputat f'isem il-kumpannija Acorn Developments Limited, kien diġa' irċieva mingħand il-kwerelant il-ħlas tad-depożitu akkont tal-prezz tal-bejgħ tal-istess proprjeta' fis-somma ta' Lm21,000, ma jfissirx illi meta huwa akkwista l-proprjeta' f'isem kumpannija differenti, Acorn Properties Limited, huwa aġixxa bi ksur ta' xi ftehim li kellu mal-kwerelant, wisq inqas li aġixxa biex jiffroda lill-kwerelant. Huwa minnu li fix-xhieda tiegħu John Whibley fisser li l-ftehim li kellu mal-imputat kien: "*That he would supply the land by the assignment and build the two villas. Within three years*".

Iżda l-Qorti m'hi xejn persważa li kien jeżisti xi ftehim f'dan is-sens bejn il-partijiet, għaliex il-kuntratti u skritturi li għandha quddiemha l-Qorti ma jagħtux fejda lil din il-verżjoni. L-uniku ftehim bejn il-partijiet dwar ix-xiri tal-proprjeta' fl-Mellieħa li ġie esebit in atti, huwa l-ftehim ta' ċessjoni tal-11 ta' Ottubru 2005 li bis-saħħa tiegħu **l-**

[37] Xhieda ta' John Whibley, 15 ta' April 2019. Fol. 412.

**kwerelant kellu jixtri huwa stess il-proprjeta' direttament mingħand is-sidien** bis-saħħa tal-konvenju datat 15 ta' Lulju 2005 li dwaru kien akkwista l-jeddijiet u obbligu kollha spettanti lill-kumpratur prosettiv oriġinali. **Il-Qorti ma għandha quddiemha l-ebda ftehim ieħor li juri li l-imputat kien impenja ruħu jakkwista l-proprjeta' huwa stess minflok il-kwerelant u in segwitu jassenjalu żewġ *unit*s mibnijin skont il-ftehim tal-appalt u l-Prosekuzzjoni ma ressqet l-ebda prova li turi li ġiet konkluża konvenzjoni sussegwenti maħsuba biex tissorvola l-effetti tal-ftehim tal-11 ta' Ottubru 2005, bħal per eżempju, xi ftehim li l-proprjeta' kellha tinxtara minflok mill-kwerelant, mill-kumpannija Acorn Developments Limited għan-nom tiegħu, jew xi ftehim jew konvenju għax-xiri tal-proprjeta' f'isem il-kumpannija Acorn Developments Limited b'wegħda għall-bejgħ jew assenjazzjoni eventwali lill-kwerelant ta' żewġ *units* lesti u mibnijin skont il-ftehim tal-appalt**.

Il-Prosekuzzjoni hi marbuta li tressaq l-aħjar prova u f'dan il-każ il-Qorti tqis illi din kellha tikkonsisti fi ftehim bħal dak appena mfisser u mhux bix-xhieda ta' John Whibley. Magħdud dan il-fatt illi bl-applikazjzoni tal-prinċipju fondamentali tal-liġi kuntrattwali '*contra testimonium scriptum, testimonium non scriptum non fertur*', ben stabbilit fil-ġurisprudenza in materja, mhux ammess illi provi orali jfissru dak li fih innifsu huwa diga` ċar[38] jew dak li ma jirriżultax, jew jirriżulta eskluż, mill-kuntratt[39]. *Multo magis* fil-kamp penali fejn il-grad tal-prova li triq tressaq il-Prosekuzzjoni huwa dak tal-konvinċiment morali lil hinn minn kull dubju raġjonevoli.

Għalhekk, dan kollu magħdud, il-Qorti ma tista' qatt tikkonkludi li ġie ppruvat fil-grad meħtieġ għas-sejbien ta' ħtija kriminali, illi meta l-imputat kiseb il-ħlas tal-flus imħallas mill-kwerelant jew meta akkwista il-proprjeta' mingħand il-konjuġi Abela f'isem Acorn Properties Limited, huwa uża xi mezzi qarrieqa jew aġixxa b'ingann tal-kwerelant jew biex jiżgiċċa minn xi obbligu li kellu fil-konfront tiegħu.

[38] Joseph Gatt vs Joseph Galea, Appell Civili, deciz fl-14 ta' April 1975.
[39] Gemma Fenech vs. John Bugeja – Appell deciz fl-20 ta' Ottubru 2003.

Fil-qies ta' dan kollu, il-Qorti tqis illi l-elementi kostituttivi tar-reat ta' truffa kif ukoll ir-reat minuri ta' frodi nnominat, għajr għan-ness evidenti bejn l-aġent tal-allegat reat u s-soġġett passiv, ma ġewx ippruvati kif imiss. Għandu jingħad ukoll, in konklużjoni, illi anke jekk jista' jkun minnu li l-kwerelant sofra telf patrimonjali konsistenti fil-ħlas lill-imputat fis-somma ta' Lm55,000, hija mankanti l-prova essenzjali illi dan it-telf seħħ b'riżultat ta' xi qerq jew ingann eżerċitat mill-imputat.

Ikkunsidrat;

Illi l-imputat ġie mixli wkoll bir-reat ta' misapproprjazzjoni.

L-Artikolu 293 tal-Kodiċi Kriminali jipprovdi li huwa ħati tar-reat ta' approprazzjoni indebita:-

*"Kull min japproprja ruħu, billi jdawwar bi profitt għalih jew għal persuna oħra, minn ħaġa ta' ħaddieħor li tkun ġiet fdata jew ikkunsinnata lilu taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat ...*

Dan ir-reat jiġi aggravat u jitmexxa *ex officio* mill-Pulizija kull:

"*..... meta d-delitt imsemmi ..... jiġi magħmul fuq ħaġa fdata jew ikkunsinnata lill-ħati minħabba l-professjoni, industrja, kummerċ, amministrazzjoni, kariga jew servizz tiegħu, jew minħabba depożitu neċessarju."*

Illi għalhekk, l-element ewlieni li jikkostitwixxi dan ir-reat "*mhuwiex l-użu ta' l-ingann da parti ta' l-agent biex jottjeni l-oggett, izda l-inversjoni tat-titolu tal-pussess tal-haga li l-agent ikun ottjena minghand is-suggett passiv bil-libera volonta' ta' dan.*"[40]

---

[40] 3 "Pulizija vs Joseph Muscat", Imħallef Victor Caruana Colombo, Qorti tal-Appell Kriminali Inferjuri, deċiża nhar it-3 ta' Marzu 1997.

Il-Prosekuzzjoni, kif rajna, tikkontendi illi l-imputat qala' lill-kwerelant 'il barra min-negozju tal-akkwist tal-proprjeta' fil-Mellieħa u b'ingann resaq għall-akkwist tal-proprjeta' minflok f'isem il-kumpannija Acorn Developments Limited li lilha l-kwerelant kien ħallas is-somma ta' Lm55,000, f'isem kumpannija differenti. Ġie sottomess ukoll illi minkejja l-ftehim tal-appalt konkluż bejn il-kwerelant u Acorn Developments Limited u l-ħlasijiet li saru mill-kwerelant akkont tal-valur tal-appalt, l-appalt baqa' ma ġiex imwettaq.

Minn dan, il-Qorti fehmet illi l-Prosekuzzjoni trid tfisser illi l-imputat ġie fdat mill-kwerelant bi flusu sabiex japplikahom għall-iskop speċifiku li jixtri l-proprjeta' in vendita f'isem il-kumpannija Acorn Developments Limited u / jew għall-iskop speċifiku li jiżviluppa din il-proprjeta' skont il-ftehim tal-appalt, iżda naqas milli jagħmel dan. Din l-ipotesi tippresupponi illi kien hemm ftehim li l-imputat irċieva l-fondi rappreżentanti d-depożitu akkont tal-prezz tal-proprjeta', biex jużahom għall-akkwist tal-istess proprjeta' f'isem Acorn Developments Limited sabiex imbagħad, din il-kumpannija tittrasferixxi lill-kwerelant il-proprjeta' fi stat mibni skont il-ftehim tal-appalt.

Illi f'sentenza deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs John Gauci** deċiża fl-14 ta' Frar 1997, ġew spjegati b'mod elokwenti iżda simplifikat, l-elementi ta' dan ir-reat:

"*Minn ezami ta' l-artikolu 293 tal-Kodici Kriminali jidher car li wiehed mill-elementi essenzjali ta' l-approprjazzjoni indebita huwa kostitwit mill-frazi: "... taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu ... li jsir uzu minnha specifikat ...".Specifikat minn min? Ovvjament minn min ikun ikkonsenja l-haga lill-agent u minn hadd izjed. Hija l-persuna li tikkonsenja l-haga u hadd hliefha li jkollha jedd timponi l-obbligu ossia tispecifika lill-agent dwar kif ikollu jaghmel uzu mill-oggett ikkonsenjat lilu minnha. Jekk il-konsenjatur jaghti flus lill-agent biex dan bihom jixtrilu dar, l-agent jikkommetti r-reat ta' approprjazzjoni indebita jekk minflok jaghtihom karita'. Jekk il-*

*konsenjatur jaghti flus lill-agent biex dan jixtrihom armi bi skop ta' serq, l-agent ikun approprja ruhu mill-flus indebitament jekk jaghtihom karita', apparti l-kwistjoni tal-moralita'. Jekk jixtrihom armi, allura l-agent ikun ghamel uzu mill-flus kif specifikat. F'kull kaz, fl-indagini dwar il-htija jew le ta' approprjazzjoni indebita, ghandha ssir prova ta' l-uzu tal-haga specifikata mill-konsenjatur u provata' jekk l-agent ma ikunx ghamel mill-haga dak l-uzu jew uzu divers.*"

Illi kif jispjega l-awtur Francesco Antolisei –

"*La vera essenza del reato di appropriazione indebita consiste nell'abuso del possessore, il quale dispone della cosa come se ne fosse proprietario (uti dominus). Egli assume, si arroga poteri che spettano al proprietario e, esercitandoli, ne danneggia il patrimonio*"[41]

Il-Qorti diġa' kkonkludiet, fil-konsiderazzjonijiet li għamlet b'rabta mal-imputazzjoni tar-reat ta' frodi, illi ma ġiex ippruvat li kien hemm ftehim bħal dak li fisser il-kwerelant. L-uniku ftehim bejn il-partijiet li huwa riskontrabbli mill-provi hu l-ftehim tal-11 ta' Ottubru 2005 fejn id-drittijiet u obbligi tax-xerrej taħt il-konvenju oriġinali, akkwistati mill-kumpannija Acorn Developments Limited, ġew assenjati lill-kwerelant biex jersaq huwa stess għall-akkwist tal-proprjeta' direttament mingħand il-vendituri. Il-Qorti ma riskontrat ebda prova konkreta u konklussiva illi l-imputat ingħata l-fondi li tħallsu mill-kwerelant akkont tal-prezz tal-bejgħ[42], bi struzzjonijiet speċifiċi li kellu jgħaddihom lill-vendituri jew biex bihom l-imputat jixtri l-proprjeta' f'isem Acorn Developments Limited jew f'isem il-kwerelant, liema prova l-Qorti tqis li kienet indispensabbli biex tista' tasal għall-konklużjoni li l-imputat applika ħażin dawn il-fondi għall-finijiet ta' ħtija għar-reat ta' misapproprjazzjoni.

---

[41] Manuale di Diritto Penale, Giuffre` (Milano), 1986, Parte Speciale, Vol. 1, p. 276. Ċitata fis-sentenza **Il-Pulizija vs Francis Camilleri** deċiża fil-25 ta' Gunju 2001 – Appell Kriminali (Inf.)

[42] Żewġ *cheques* ta' Lm10,500 kull wieħed.

Fil-fatt, għalkemm iż-żewġ skritturi tal-appalt ġew konklużi kontestwalment mal-ftehim ta' ċessjoni, ma jirriżultax li dawn ġew b'xi mod marbutin ma' jew kienu dipendenti fuq il-ftehim taċ-ċessjoni tad-drittijiet tal-konvenju, tant illi ma fihom ebda referenza kwalsiasi għal dan il-ftehim jew għall-konvenju oriġinali u għall-jeddijiet akkwistati mill-kwerelant b'rabta mal-istess konvenju. Għaldaqstant, lanqas jista' jiġi konkluż b'xi qies ta' konvinzjoni illi **l-fondi rappreżentanti d-depożitu akkont tal-prezz** ġew rilaxxati lill-imputat b'istruzzjonijiet speċifiċi li kellu japplikahom għall-eżekuzzjoni tal-appalt.

Din il-konklużjoni hija rinforzata bin-nuqqas manifest tal-kwerelant li jagħmel xi verifika dwar dak li kien qed jiġri bil-konvenju[43] biex jassigura li l-imputat kien effettivament applika l-fondi għall-iskop intiż tagħhom u għadda biex akkwista l-proprjeta' f'isem Acorn Developments Limited, tant illi *ex admissis*, il-kwerelant qatt ma ikkomunika mal-imputat ħlief qabel l-għeluq tat-terminu mogħti għall-eżekuzzjoni tal-appalt.

Il-Qorti hi tal-fehma illi l-Prosekuzzjoni naqset milli tressaq provi ċari u konklussivi dwar l-*iter* tan-negozju bejn il-partijiet u tqis li hemm ħolqa sostanzjali nieqsa mill-katina tal-evidenza. Dan qed jingħad għaliex mill-kumpless tal-provi, speċifikatment mill-ftehim ta' ċessjoni li għandha quddiemha, jirriżulta illi għalkemm il-kwerelant kellu jidher huwa stess fuq l-att finali tal-bejgħ biex jixtri l-proprjeta' f'ismu direttament mingħand il-vendituri, huwa kien espressament awtorizza lin-Nutar jirrilaxxa lill-imputat il-fondi li huwa kien ħallas sewwasew bħala depożitu akkont tal-prezz tal-akkwist tal-proprjeta', fis-somma komplessiva ta' Lm10,500, lill-imputat f'isem Acorn Developments Limited. Mhux ċar ir-raġuni għaliex huwa kien ta l-kunsens tiegħu biex dawn il-fondi jgħaddu għand l-imputat, meta kif ingħad, Whibley kien akkwista l-jedd biex jersaq huwa stess għall-att finali tal-bejgħ biex jixtri

[43] Ikkonferma illi qabel għalaq iż-żmien pattwit għat-tlestija tal-appalt, ma għamel l-ebda kuntatt mal-imputat – fol. 397.

direttament mingħand il-vendituri, ħaġa li baqa' ma għamilx u, skont ma xehed in-Nutar Robert Muscat, huwa ma setax effettivament jagħmel dak iż-żmien.

Il-kwerelant fisser hekk il-ftehim li kellu mal-imputat:-

"*... it was basically the assignment was there which should have been assigned to me and the contract was there to build the villas but never heard anything anymore so I knew nothing about the sale taking place.*"[44]

Applikat l-insenjament fuq ċitat għall-każ odjern, il-Qorti wara li fliet il-provi u x-xhieda, ma riskontrat fix-xhieda tal-kwerelant ebda prova dwar l-użu speċifiku li kellu jsir bil-flus li huwa ħallas permezz ta' *cheques* maħruġin f'isem Acorn Developments Limited fil-11 ta' Ottubru 2005 akkont tal-prezz tal-akkwist tal-proprjeta', wisq inqas prova li dawn il-fondi ġew fdati lill-imputat bi struzzjonijiet speċifiċi biex jakkwista bihom il-proprjeta' f'isem Acorn Developments Limited u dan bil-kontra ta' dak maqbul u pattwit fil-ftehim ta' assenjazzjoni tal-11 ta' Ottubru 2005. Mankanti diġa' din il-prova bażilari dwar it-titolu tal-pussess tal-flus u li dawn ġew fdati lill-imputat biex bihom jixtri l-proprjeta' f'isem Acorn Developments Limited, u mingħajr ebda prova oħra li turi li l-imputat kellu japplika dawn il-fondi skont xi struzzjoni speċifika tal-kwerelant jew li kien hemm ftehim ieħor sussegwenti konkluż bejn il-partijiet, il-Qorti tqis li hemm dubju, dubju li naturalment, bl-applikazzjoni tal-prinċipju *in dubio pro reo,* għandu jibbenefika lill-imputat.

Għalhekk, il-Qorti ma tista' qatt issib li l-imputat applika ħażin jew abbużivament il-fondi tal-kwerelant meta xtara l-proprjeta' f'isem Acorn Properties Limited fuq il-kuntratt tal-bejgħ konkluż fid-9 ta' Ġunju 2006.

Fuq kollox, qed jiġi osservat ukoll li l-Prosekuzzjoni ma ressqet ebda prova li l-fondi mħallsin lil Acorn Developments Limited tassew intużaw għall-akkwist tal-proprjeta'

[44] Fol. 394.

f'isem Acorn Properties Limited: fil-fatt, kif jirriżulta minn eżami tal-kuntratt tal-bejgħ tad-9 ta' Ġunju 2006 kif ukoll mis-*sanction lette*r maħruġ mill-Bank b'rabta mas-self mogħti lill-kumpannija Acorn Properties Limited, prezz kollu tal-akkwist tal-proprjeta' mħallas lill-vendituri l-konjuġi Abela fis-somma ta' Lm200,000, tħallas mill-Bank b'delega mill-kumpannija xerrejja taħt il-kuntratt ta' self magħmul fit-tieni parti tal-istess kuntratt[45].

Ikkunsidrat;

Jifdal għalhekk li jiġi mistħarreġ jekk fil-fatt illi l-imputat irċieva f'isem Acorn Developments Limited **somma ta' flus akkont tal-valur tal-appalt** li kellu jiġi eżegwit skont kif miftiehem fiż-żewġ skritturi ta' appalt konklużi fil-11 ta' Ottubru 2005, iżda baqa' ma wettaqx dan l-appalt fiż-żmien pattwit, humiex riskontrabbli l-elementi kollha tar-reat ta' misapproprjazzjoni biex l-imputat jinstab ħati ta' dan ir-reat.

Il-Qorti tosserva illi minkejja t-termini li fihom ġiet imfassla l-kwerela li saret għan-nom ta' John Whibley, il-qofol tal-ilment tiegħu kif imfisser fix-xhieda tiegħu quddiem il-Qorti, jinsab fin-nuqqas ta' eżekuzzjoni tempestiva tal-appalt u l-fatt li kien ħallas is-somma ta' Lm55,000 għal xejn, anżicche' f'xi ingann jew l-użu jew applikazzjoni ħażina mill-imputat tal-fondi imħallsin lilu. Dan hu affermat minn Pierre Faure, li xehed illi John Whibley kien qallu li l-imputat kien qed idum biex jagħmel ix-xogħol li kien wiegħed li jwettaq u li kien qed jippretendi mingħandu flusu lura jew il-vilel li kellhom jinbnew.

Luigi Maino, fuq il-kunċett tad-*dolo* neċessarju għal eżistenza ta' dan r-reat, jgħid hekk[46]:-

---

[45] Self bankarju fis-somma totali ta' Lm219,250 li tinkludi *inter alia* l-prezz tal-assenjazzjoni lil Acorn Developments Limited u taxxa tal-boll.

[46] *Commento al Codice Italiano* UTET (1922) Vol IV para 1951 pagna 105 – 106.

"*... il dolo speciale nel reato di appropriazione indebita e' [come nel furto e nella truffa] l'animo di lucro, che deve distinguere appunto il fatto delittuoso, il fatto penale, dal semplice fatto illegittimo, dalla violazione del contratto, dell'inadempimento della obbligazione: osservazione questa non inopportuna di fronte alle esagerazioni della giurisprudenza ed ai deviamenti della pratica giudiziale che diedero spesse volte l'esempio di contestazioni di indole civile trasportate affatto impropriamente in sede penale"*[47]

Il-Qorti fliet l-atti proċesswali u m'hijiex konvinta illi fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ, kif joħorġu mill-provi u x-xhieda, jirriżulta li meta l-imputat irċieva f'isem il-kumpannija Acorn Developments Limited il-fondi tad-depożitu akkont tal-valur tal-appalt, huwa kellu intenzjoni speċifika li dan il-flus jiġi mdawwar minnu bi profitt għalih jew għal ħaddiehor. Dan qed jingħad għaliex il-provi juru illi l-fondi ġew rilaxxati lilu wara l-applikazzjoni għall-permess tal-iżvilupp tas-sit ġiet rakkomandata għall-approvazzjoni u l-permess relattiv inħareġ, kif del resto ġie pattwit, u jirriżulta wkoll li l-imputat kien beda jwettaq effettivament l-appalt u m'hemm xejn x'jindika li l-imputat waqaf għal kollox milli jwettaq l-appalt. Fil-fatt, il-kwerelant innifsu kkonferma fix-xhieda tiegħu illi d-demolizzjoni tal-binja eżistenti kif ukoll it-tħaffir tas-sit kien sar u illi eventwalment, kien laħaq inbena *unit* wieħed.

Il-Qorti għalkemm tirravviża ksur tal-obbligi tal-imputat fil-ftehim tal-appalt għaliex mill-provi li għandha quddiemha hu stabbilit li dan baqa' ma ġiex eżegwit kif stipolat fil-ftehim, ma riskontrat xejn fl-atti u fil-provi li jikkonvinċiha li l-imputat arroga għalih il-fondi li kienu intiżi għall-eżekuzzjoni parzjali tal-appalt jew li applika ħażin il-fondi imħallsin lilu f'isem il-kumpannija Acorn Developments Limited. Effettivament, hija nieqsa wkoll il-prova illi l-valur tax-xogħolijiet li ġew effettivament eżegwiti mill-imputat taħt l-appalt, kien inqas mis-somma li laħaq ħallas il-kwerelant akkont tal-istess appalt (Lm34,000) biex b'hekk, l-imputat jitqies li żamm għalih xi konsiderazzjoni li kellha tiġi applikata fl-eżekuzzjoni tal-appalt iżda ma

---

[47] Ċitata fis-sentenza **Il-Pulizija v. Concetta Charles** – deċiża 6.6.2011 mill-Qorti tal-Appell Kriminali.

ġietx hekk applikata u fil-fatt ma jirriżultax li l-kwerelant kien għamel pagamenti iktar b'żieda mal-ħlas tad-depożitu (Lm34,000) akkont tal-valur tat-twettiq tal-appalt.

Fiċ-ċirkostanzi, il-Qorti tqis li din hija biss kwistjoni ta' obbligazzjoni li ma ġietx onorata skont il-patt konvenzjonali bejn il-partijiet: għal dan jeżisti rimedju ċivili biex jiġi enforzat il-ftehim jew biex dan jiġi rexiss. Mhux kull obbligu kontrattwali li ma jkunx onorat iwassal bil-fors għar-reat ta' approprijazzjoni indebita u f'dan il-każ hu ovvju li l-lanjanza tal-kwerelant hi li l-appalt mogħti lill-kumpannija Acorn Developments Limited – li kif stabbilit, ma jirriżultax li kellha xi obbligu tbiegħ il-fondi lill-kwerelant - ma kienx qed jiġi eżegwit bil-galbu u x-xogħol kien waqa' lura b'mod li kien ovvju għalih li l-appalt ma kienx ser jitlesta entro t-terminu stipolat.

Għaldaqstant, l-imputat ma jistax jinstab ħati tar-reat ta' misapproprjazzjoni.

Billi mhux sejjer jinstab ħati ta' ebda waħda mill-imputazzjonijiet addebitati lilu, ma tistax issib ħtija fl-imputat għall-addebitu tar-reċidiva u sejra għalhekk tastejni milli tieħu konjizzjoni tiegħu.

**Għal dawn il-motivi kollha, filwaqt li tiċħad l-eċċezzjonijiet preliminari sollevati mid-difiża, ma ssibx lil JOSEPH FARRUGIA ħati ta' ebda waħda mir-reati addebitati lilu u filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-addebitu tar-reċidiva, qiegħda tilliberah minn kull ħtija u piena.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**